Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Novembru 2017**
**(OR. fr)**

**14094/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0226 (COD)**

**CODEC 1764**
**EF 268**
**ECOFIN 918**
**SURE 47**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni kif ukoll qafas speċifiku għal titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012, **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta[1] tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Jannar 2016[2].

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] Dok. 12601/15.
[2] ĠU C 82, 3.3.2016, p. 1.
[3] Dok. 13577/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 39/17;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.